**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 367 tad-9 ta' Marzu 2016 dwar punt imqajjem mill-Ministru Joe Mizzi dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta tal-bieraħ, 8 ta' Marzu 2016, waqt battibekk li nqala' fil-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari bejn il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi, u l-Onor. Marthese Portelli, is-Sedja ntalbet tagħti *ruling* mill-istess Ministru Mizzi. Se nikkwota mill-parti relattiva tat-traskrizzjoni:

> "**ONOR. JOE MIZZI:** L-ewwel nett, jekk ma tafx, hemm kumitat ta' koordinament li qiegħed fi ħdan l-OPM. Lanqas taf, għalhekk qed ngħidlek. It-tieni ħaġa hi li Transport Malta hemm koordinament ukoll fuq it-toroq.
>
> **MR SPEAKER:** X'inhu l-*point of order*? Ministru, nitolbok tkun konċiż. L-Onor. Marthese Portelli, *on a point of order*.
>
> **ONOR. MARTHESE PORTELLI:** Sur President, ma naħsibx li għandek tippermetti li minflok il-Ministru Joe Mizzi jwieġeb għall-mistoqsijiet, jiġi hawn ġew jitgħajjar u jgħidli jien x'naf u x'ma nafx.
>
> **MR SPEAKER:** Il-Ministru Joe Mizzi, *on a point of order*.
>
> **ONOR. JOE MIZZI:** Sur President, nitolbok *ruling* fuq dak li qalet l-Onor. Portelli. Jien irrispondejt il-mistoqsijiet. Jien skont l-iStanding Orders qed nirrispondi, allura nitlob *ruling* li dak li qalet l-Onor. Portelli tagħti *ruling* dwaru - jekk dak li qed tgħid huwiex minnu jew le, u jekk jien hux qed inkun ..... (Għajjat) Qed nitlob *Ruling*."

Is-Sedja tixtieq mill-ewwel tindirizza l-kumment li għamel l-Onor. Mizzi meta qal li huwa qed jirrispondi skont l-Ordnijiet Permanenti billi tagħmel referenza għal numru ta' *rulings* li ngħataw fil-passat fejn ġie tenut li s-Sedja m'għandha l-ebda poter tidħol fil-kontenut tat-tweġibiet li jingħataw.

Però, il-punt imqajjem ma jirrigwardax biss il-kontenut tat-tweġiba iżda wkoll ir-rimarki li saru waqt li kien għaddej il-battibekk bejn il-Ministru Mizzi u l-Onor Portelli. F'dan ir-rigward is-Sedja tagħmel referenza għal numru ta' *rulings* li indirizzaw din il-kwestjoni.

Nikkwota l-ewwel mir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Lawrence Gonzi fis-Seduta 219 tal-15 ta' Marzu 1989:

> "M'hemmx dubju għalhekk illi filwaqt li s-Sedja għandha d-dover li tara illi l-mistoqsijiet u t-tweġibiet ikunu konformi mar-regoli ġenerali ta' ordni fil-Kamra, hija ma għandhiex id-dritt jew il-poter li tintervjeni fil-każijiet fejn Ministru jew Segretarju Parlamentari jirrifjuta li jwieġeb għal mistoqsija."

Nikkwota minn *ruling* ieħor mogħti wkoll mill-Ispeaker Lawrence Gonzi fis-Seduta 580 tal-20 ta' Novembru 1991:

> "Dwar iż-żewġ każi mressqin mill-Onor. Lino Debono fl-istess seduta nru 576 tat-18 ta' Novembru 1991, għar-rigward tal-ewwel każ, u ċjoè l-kontenut tar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari, is-Sedja diġà kellha l-opportunità f'*rulings* preċedenti,

tiddikjara illi hi ma għandha ebda poteri li tidħol fil-mertu tar-risposta, ħlief jekk id-diskors użat ma jkunx parlamentari skont l-Ordinijiet Permanenti."

Nikkwota mir-*ruling* mogħti mid-Deputy Speaker Carmelo Abela fis-Seduta 306 tad-19 ta' Ottubru 2005:

> "Is-Sedja rrikorriet għar-*rulings* preċedenti u tasal għall-konklużjoni illi m'għandhiex poter li tintervjeni fejn jidħlu risposti mogħtija mill-Ministri għall-interpellanzi li jsirulhom, ħlief jekk id-diskors użat ma jkunx parlamentari skont l-Ordnijiet Permanenti."

Dwar x'għandu jirregola l-lingwaġġ li jintuża fil-mistoqsijiet u t-tweġibiet, is-Sedja tara opportun li terġa' tirreferi għall-ewwel *ruling* ċitat hawn fuq mogħti fl-1989 u nikkwota:

> "Għandu jingħad mill-ewwel illi l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jgħidu xejn fuq din il-kwestjoni ..."

Hawnhekk l-Ispeaker Gonzi kien qed jirreferi għal punt jekk Ministru jistax jirrifjuta li jagħti tweġiba:

> "... ħlief naturalment illi kull mistoqsija u allura kull tweġiba trid tkun konformi mar-regoli stabbiliti għal dak li għandu x'jaqsam mal-ordni fil-Kamra (ara Ordni Permanenti 27, 59 u 60).
>
> Għalhekk wieħed għandu jirreferi għal dak li jgħid l-Erskine May u għall-prattika użata fil-House of Commons f'dan ir-rigward. F'paġna 343 l-Erskine May jgħid speċifikament illi '*an answer to a question cannot be insisted upon, if the answer be refused by a Minister, and the Speaker has refused to allow supplementary questions in these circumstances'*."

Is-Sedja għalhekk qiegħda tirrileva dawn it-tliet punti:

1. F'kull ħin għandu jintwera rispett fil-mod kif il-Membri jindirizzaw lil xulxin. Kull membru miż-żewġ naħat tal-Kamra għandu jkun meqjus fi kliemu u dejjem juri rispett lejn il-kollegi tiegħu fil-Kamra għaliex b'dan ikun qed jintwera wkoll rispett lejn l-istess Kamra.

2. Hemm limitu sa fejn Membru jista' jibqa' jinsisti fuq xi risposta.

3. Ir-regoli tal-Kamra, fosthom id-dritt li Membru jqajjem punt ta' ordni, m'għandhomx ikunu użati b'mod frivolu jew abbużiv, pereżempju, sabiex issir *personal explanation* jew argument politiku.

Dan l-aħħar punt is-Sedja qiegħda ssemmih peress li lbieraħ waqt il-ħin tal-mistoqsijiet meta kienet qed tiġi trattata l-mistoqsija 18810 tal-Onor. Anthony Agius Decelis dwar Triq is-Sgħajtar, il-Mosta saru erba' *point of orders* li l-ebda wieħed minnhom ma kien *point of order*. Is-Sedja tara li dan huwa kollu ħela ta' ħin li jista' jiġi użat aħjar.

Dwar dan il-punt is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-prattiċi u d-drawwiet tal-House of Commons, u tikkwota minn paġni 455-456 tal-Erskine May Parliamentary Practice (24ed):

*"The Speaker has deprecated the practice of Members raising points of order on political issues which have nothing to do with the Chair, and has expressed the hope that point of orders will not be used as extension of question time."*

Tikkwota wkoll minn paġna 455:

*"It is usual for the Speaker to deal with point of orders after questions ... unless the point of order requires the Chair's immediate intervention."*

Dan ifisser li biex jitqajjem *point of order* irid ikun hemm manifestament ksur tar-regolamenti tal-Kamra.

Għalhekk filwaqt li s-Sedja qiegħda tiġbed l-attenzjoni li għandu jintwera aktar rispett lejn ir-regolamenti tal-Kamra, qiegħda wkoll tagħmilha ċara li mhu se tħalli lil ebda Membru fil-Kamra jabbuża mill-ħin limitat tal-*question time* billi jagħmel *point of order* li ma jeżistix.

Is-Sedja tixtieq tesprimi wkoll ir-riżervi tagħha dwar kemm għandhom ikunu tollerati *points of explanation* partikolarment f'dan l-istadju tas-seduta. Fil-fatt, anke fl-istess prattiċi tal-House of Commons, kif rapportat f'paġna 377 tal-Erskine May Parliamentary Practice (24ed) insibu li:

"*The indulgence of a personal statement is granted with caution since it may lead to irregular debates*."

U dak li fil-fatt ġara fis-seduta tal-bieraħ matul il-ħin tad-domandi.

Għalhekk, fir-rigward tat-talba dwar jekk il-Ministru Mizzi kienx qed jimxi mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra fit-tweġiba tiegħu, is-Sedja tifhem li ma kien hemm l-ebda ksur ta' regolamenti tal-Kamra. Madankollu, is-Sedja tħoss li għandha tagħmel appell għal rispett reċiproku anke fil-mod kif jitpoġġa l-kliem, kemm fid-domandi kif ukoll fit-tweġibiet. Għalkemm wara li rat it-traskrizzjoni, is-Sedja ma ssib li ntqal ebda kliem li jista' jitqies bħala mhux parlamentari, xorta tappella għal aktar attenzjoni kemm fl-għażla tal-kliem, kemm fil-mod kif jitqiegħed il-kliem u kif ukoll fl-atteġġjament tal-Membri lejn xulxin.

Is-Sedja qiegħda tagħmel appell sinċier sabiex il-Membri juru rispett lejn xulxin għaliex wara kollox, nuqqas ta' rispett lejn membru tal-Kamra jikkwalifika bħala nuqqas ta' rispett lejn l-istituzzjoni tal-Parlament u wkoll lejn il-pubbliku Malti li llum isegwi bi ħġaru d-dibattiti Parlamentari u jara l-mod kif ir-rappreżentanti tiegħu jkunu qed jippreżentaw l-argumenti tagħhom fil-Kamra.

Ir-*ruling* huwa deċiż.